

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2018 – East West Consulting vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-298/16) <sup>(1)</sup>

*(“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Strument għall-Assistenza ta’ Qabel l-Adeżjoni — Stat terz — Kuntratt pubbliku nazzjonali — Ġestjoni deċentralizzata — Deċiżjoni 2008/969/KE, Euratom — Sistema ta’ Twissijiet Bikrija (EWS) — Attivazzjoni ta’ twissija fl-EWS — Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni — Rifjut ta’ approvazzjoni ex ante tal-Kummissjoni — Assenza ta’ għoti tal-kuntratt — Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali — Ammissibbiltà tal-provi — Assenza ta’ bażi legali tat-twissija — Drittijiet tad-difiża — Preżunzjoni ta’ innoċenza — Ksur suffiċjentement serju ta’ dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi — Rabta kawżali — Dannu materjali u morali — Telf tal-kuntratt — Telf ta’ opportunità li jinkisbu kuntratti oħrajn”)*

(2019/C 93/49)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: East West Consulting SPRL (Nandrin, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment L. Levi u A. Tymen, sussegwentement L. Levi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Dintilhac u J. Estrada de Solà, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-dannu materjali u morali li allegatament ġarrbet ir-rikorrenti minħabba t-twissija relatata magħha fis-Sistema ta’ Twissijiet Bikrija (EWS) u r-rifjut sussegwenti, ibbażat fuq din it-twissija, li jiġi approvat il-kuntratt li jirrigwarda kuntratt li kien ingħata lill-konsorzju li hija kienet tmexxi u li kellu jiġi ffinanzjat mill-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-Istrument għall-Assistenza ta’ Qabel l-Adeżjoni (IPA).

**Dispożittiv**

- 1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lil East West Consulting SPRL is-somma ta’ EUR 20 000.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 270, 25.7.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta’ Jannar 2019 – Aristoteleio Panepistimio Thessalonikis vs ERCEA**(Kawża T-348/16 OP) <sup>(1)</sup>

*(“Klawżola ta’ arbitraġġ — Is-Seba’ Programm Qafas għall-azzjonijiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ demostrazzjoni — Proġett Minatran — Spejjeż eliġibbli — Kumpens — Sentenza mogħtija fil-kontumaċja — Oppożizzjoni”)*

(2019/C 93/50)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti fil-kawża prinċipali: Aristoteleio Panepistimio Thessalonikis (Thessaloniki, il-Greċja) (rappreżentanti: V. Christianos u S. Paliou, avukati)